**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Gunju 2022**

**Rikors Guramentat Nru : 268/2022 AGV**

**CM**

**U**

**AM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors kongunt ta' CM u AM datat 16 ta' Mejju 2022 ;**

Jesponu b'kull rispett bil-ġurament jikkonfermaw:

Illi r-rikorrenti iżżewwgu fil-5 ta' Diċembru 1997 ġewwa il-Knisja Parrokkjali ta' San Nicola, Siġġiewi, Malta (ċertifikat taż-żwieg anness u mmarkat **Dok. A**).

Illi minn dan iż-żwieġ kellhom tifla wahda, RR, llum maġġiorenni.

Illi r-rikorrenti sseparaw permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Ġunju 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. Sandra Valentino, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata **Dok. B**.

Illi l-istess rikorrenti ilhom għal dawn l-aħħar sbatax il-sena jgħixu ħajja kompletament independenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniehom.

Illi in oltre, r-rikorrenti ma għandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta' manteniment.

Illi r-rikorrenti jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.

Illi huma jissodisfaw il-kriterji imposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iż-żwieg tagħhom jiġi xolt.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna li ż-żwieġ kuntrattat bejn ir-rikorrenti fil-5 ta' Diċembru 1997 ġewwa il-Knisja Parrokkjali ta' San Nicola, Siġġiewi, Malta jigi maħlul;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien iffissat minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**